32005E0582

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/582/PESK

ta' 28 ta' Lulju 2005

li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi

(1) Fit-8 ta' Diċembru 2003 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2003/872/PESK [1] li testendi u temenda l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar.

(2) Fit-2 ta' Frar 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/100/PESK [2], li testendi sal-31 ta' Awissu 2005 l-Azzjoni Konġunta 2003/872/PESK.

(3) Fis-26 ta' April 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/330/PESK [3], li temenda l-mandat ta' l-EUSR għall-Kawkasu tan-Nofsinhar.

(4) Abbażi ta' reviżjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/872/PESK, il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) għandu jiġi estiż għal sitt xhur oħra.

(5) Fid-9 ta' Ġunju 2005 l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel dwar il-passi li jmiss ta' l-approċċ ta' l-Unjoni Ewropea biex tirrispondi għas-sitwazzjoni wara l-għeluq tal-missjoni ta' monitoraġġ tal-fruntieri ta' l-OSCE fil-Ġeorġja billi jsaħħaħ l-EUSR għall-Kawkasu tan-Nofsinhar.

(6) Fid-9 ta' Ġunju 2005 l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel dwar il-modalitajiet ta' appoġġ ta' l-Unjoni Ewropea fl-implimentazzjoni ta' l-istrateġija għar-riforma tas-sistema kriminali tal-Ġeorġja wara t-tmiem tal-Missjoni ta' l-Istat ta' Dritt fil-Ġeorġja EUJUST THEMIS.

(7) L-EUSR ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tkun ta' dannu għall-għanijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat.

(8) Il-mandat ta' l-EUSR għandu jiġi emendat għaldaqstant.

---

[1] ĠU L 326, 13.12.2003, p. 44.
[2] ĠU L 31, 4.2.2005, p. 74.
[3] ĠU L 106, 27.4.2005, p. 36.

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Heikki TALVITIE bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) għall-Kawkasu tan-Nofsinhar huwa b'dan estiż sat-28 ta' Frar 2006.

Artikolu 2

L-Azzjoni Konġunta 2003/872/PESK hija emendata kif ġej:

a) Fl-Artikolu 3 il-punt (h) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(h) permezz ta' grupp ta' appoġġ:

— biex jipprovdi lill-Unjoni Ewropea b'rappurtar u valutazzjoni kontinwa tas-sitwazzjoni fil-fruntieri u biex jiffaċilita l-bini ta' fiduċja bejn il-Ġeorġja u l-Federazzjoni Russa, u b'hekk jiżgura kooperazzjoni u kollegament effiċjenti ma' l-atturi rilevanti kollha.

— biex jassisti l-Għassa tal-Fruntiera tal-Ġeorġja u istituzzjonijiet governattivi rilevanti oħra fi Tbilisi fil-preparazzjoni ta' strateġija ta' riforma komprensiva.

— biex jaħdem ma' l-awtoritajiet tal-Ġeorġja biex tiżdied il-komunikazzjoni bejn Tbilisi u l-fruntiera, inkluż l-iggwidar. Dan ser isir billi jaħdem mill-qrib maċ-Ċentri ta' Gwardja tal-Fruntiera Reġjonali bejn Tbilisi u l-fruntiera (eskluż l-Abkhazia u l-Ossetja tan-Nofsinhar).

— biex jissorvelja l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija għar-riforma tas-sistema kriminali ġudizzjarja mill-awtoritajiet tal-Ġeorġja u atturi oħra, b'mod partikolari billi jipprovdi sostenn għall-Grupp Direttiv stabbilit mill-gvern ta' Ġeorġja.";

b) L-Artikolu 5 (1) għandu jinbidel b' dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarju maħsub biex ikopri l-ispiża relatata mal-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ta' EUR 1 930 000.".

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Settembru 2005.

Artikolu 4

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Lulju 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
J. STRAW